**L-istudio tiegħi**

Insellimlek binja ħelwa
Titbissimli x'nidħol fik,
Erħilek terfagħli bewsa
Meta narak nitgħaxxaq bik.

Dmugħ xerridt moħbi fi ħdanek
Quddiem għajnejja tifkiriet,
Ta' min nesa li daqt se jmut
Kemm għandu x'jagħti kontijiet.

Imma int bħall-art li ħadnitek
Kemm int ħelu u prudenti,
B'naqra tegħmiza minn tiegħek
Jitbissmu qalbi u l-menti.

Anki jekk qiegħed fi trejqa
Għalik laqqmuha triq 'l-kbira,
Għax biex tħobb bhalma tħobb int
Tassew lejn Alla taspira.

Nistħajlek dik l-omm hanina
Li f'darha ssibilha kollox,
Daqqa ħaġa w daqqa oħra
Fejqan sħiħ mill-ġrieħi ħorox.

Għalkemm qasira diż-żjara
Imma f'qalbi dħalt w tibqa' hemm,
Bl-imħabba li int taf tarmi
Int l-għira tad-djar żul minn hemm.

Se nieqaf l-għaliex Marija
Qed issejjaħli għall-quddies,
Ħalli nibda' dil-ġurnata
Maqgħud ma' Kristu u man-nies.

Biss minix se nħallik waħdek
Għall-quddies se nieħdok miegħi,
Oqgħod ħdejja, żommli idi
Inħobbok o studio tiegħi.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen